

Brussell, 4 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

5047/23

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0407(COD)**

---

---

**ECOFIN 14  
STATIS 1  
CODEC 3**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 694 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċitar tas-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni bir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 694 final.

Mehmuż: COM(2022) 694 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.12.2022  
COM(2022) 694 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-eżerċitar tas-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni bir-  
Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema  
Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea**

## 1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> stabbilixxa s-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 2010 (ESA 2010). ESA 2010 hija sistema ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali mfassla biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-politika ekonomika, soċjali u reġjonali tal-UE. Din fiha:

- a) metodoloġija (Anness A tar-Regolament) dwar standards komuni, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli tal-kontabilità li jridu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-kontijiet u t-tabelli fuq bażijiet li jistgħu jitqabblu għall-finijiet tal-UE;
- b) programm (Anness B tar-Regolament) li jstabbilixxi l-limiti ta' żmien sa meta l-Istati Membri jridu jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-kontijiet u t-tabelli li jeħtieġ jiġu kkompilati f'konformità mal-metodoloġija msemmija fil-punt (a).

Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament:

- dwar emendi fil-metodoloġija tal-ESA 2010, stabbilita fl-Anness A, sabiex jiġi speċifikat u mtejjeb il-kontenut tagħha bl-għan li tiġi żgurata interpretazzjoni armonizzata jew biex tiġi żgurata komparabilità internazzjonali, dment li ma jbidlux il-kunċetti sottostanti tagħha, ma jkunux jeħtieġu riżorsi addizzjonali għall-produtturi fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika għall-implimentazzjoni tagħhom, u ma jikkawżawx bidla fir-riżorsi proprji (l-Artikolu 2(2));
- u biex tiżgura l-affidabilità u l-komparabilità tad-*data* tal-ESA 2010 tal-Istati Membri dwar ir-riċerka u l-iżvilupp irreġistrata bħala formazzjoni grossa tal-kapital fiss. Fl-eżerċitar tas-setgħa tagħha skont dan il-paragrafu, il-Kummissjoni trid tiżgura li t-tali atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq l-unitajiet rispondenti (l-Artikolu 2(5)).

It-tielet setgħa, b'mod partikolari dwar ir-reviżjoni tal-metodoloġija użata għall-kalkolu u l-allokkazzjoni tas-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (FISIM) fil-kontijiet nazzjonali f'konformità mal-metodoloġija deskritta fl-Anness A, ingħatat lill-Kummissjoni għal perjodu ta' xahrejn u kellha tiġi eżerċitata qabel is-17 ta' Settembru 2013<sup>2</sup> (l-Artikolu 2(4));

Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż mal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009<sup>3</sup> (Premessa 24).

---

<sup>1</sup>Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

<sup>2</sup> Kif indikat fir-rapport dwar il-perjodu preċedenti ta' ħames snin, din is-setgħa ma ntużatx mill-Kummissjoni.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-

## **2. BAŻI ĠURIDIKA**

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 549/2013, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(2) u 2(5) għal perjodu ta' ħames snin mis-16 ta' Lulju 2013. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. Il-Kummissjoni trid tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħat sa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin.

## **3. EŻERĊITAR TAD-DELEGA FIL-PERJODU ATTWALI**

Il-Kummissjoni rrapportat dwar l-użu tad-delega tas-setgħat matul l-ewwel ħames snin tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 fl-2017<sup>4</sup>.

Matul il-perjodu ta' ħames snin li kien imiss, li beda fis-16 ta' Lulju 2018 skont l-estensjoni awtomatika tad-delega tas-setgħat, il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħa tagħha li tadotta atti delegati kif mogħtija lilha mill-Artikoli 2(2) u 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 549/2013.

## **4. KONKLUŻJONI**

Mis-16 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lilha bir-Regolament (UE) 549/2013.

Madankollu, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li tkompli jkollha s-setgħat delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 549/2013, peress li jista' jkollha bżonn tadotta atti delegati fil-futur biex tirrifletti l-progress fil-metodoloġiji tal-istatistika u fir-rigward tal-adattamenti possibbli ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

---

Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

<sup>4</sup> Ara r-[Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati kkonferita lill-Kummissjoni bir-Regolament \(UE\) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea.](#)